KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt



**Minuti tad-disa' laqgħa tas-sbatax il-sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2010.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph M. Formosa | - | Aġent Segretarju |
| Skużati: | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Charles Camilleri | - | Kunsillier |

**AĠENDA**

1. Talba
2. Qari u approvazzjoni tal-minuti
   (Minuti tal-15 ta' Ġunju 2010)
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
   (Minuti tal-15 ta' Ġunju 2010)
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti (Approvazzjoni)
6. Rapport dwar l-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv.
7. Ilmenti
8. Ordnijiet tal-Ġurnata
   Premju Lokalitajiet Indaf (Programm)
9. Aġġornament

**1.0 Item 1: Talba**

**1.1** Il-Laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. u nfethet b'talba qasira mis-Sindku u l-Kunsilliera kollha preżenti.

**1.2** L-Aġent Segretarju nforma lill-Kunsill li s-Sinjuri Briffa u Camilleri bagħtu jinfurmaw li kienu se jkunu skużati għal din il-laqgħa.

**1.3** Is-Sur Horace J. Anastasi li kien preżenti mal-ftuħ tal-laqgħa kellu jħalli l-laqgħa minħabba urġenza personali.

**2.0 Item 2: Qari u approvazjoni tal-minuti**

**2.1** Il-minuti tal-15 ta' Ġunju 2010 li kienu ċirkulati lill-kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif korreġuti.

**2.2** Minuta 3.1: Jiżdied il-kliem "minuta 3.1" fil-bidu nett tal-paragrafu 3.2 .

**2.3** Minuta 8.2: Fl-ewwel linja ta' dan il-paragrafu in-numru 24 għandu jigi mħassar u floku jidħol in-numru 25.

**2.4** Minuta 9.1: Fl-ewwel linja għandu jiżdied il-kliem 'Fleur-De-Lys Junction' u għalhekk l-ewwel linja kif hekk amendata għandha taqra: 'Imġieba ta' Warden fi Fleur-De-Lys Junction, ħdejn l-iskola Primarja, Santa Venera'.

**3.0 Item 3: Affarijiet li jitqajmu mill-minuti (minuti tal-15 ta' Ġunju 2010)**

**3.1** Wara mistoqsija tas-sur Sultana, s-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi kienet kitbet lill-awtoritajiet fosthom il-Pulizija, il-MEPA, kif ukoll il-Health and Saftey Authority, sabiex jiġi assigurat illi barra milli titranġa l-bankina fejn tkisret kif ukoll jitpoġġa bollard, ikun hemm l-osservanza tal-liġi u jiġi eliminat kull perikolu li jista'jeżisti b'użu u stallazjoni ta' gas industrijali fil-qalba tar-residenti.

**3.2** Minuta 4.2 Wara mistoqsija tas-Sur Sultana s-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi hija ħadet parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill, Dr R. Sladden, dwar il-kompetenza u responsabilita kemm tal-Kunsill kif ukoll Trasport Malta fejn jidħlu tpoġġija ta' tabelli u barriers ġewwa l-konfini ta' Santa Venera. Dr R. Sladden jaqbel li għalkemm prima facie Trasport Malta naqset meta ma nfurmatx lil Kunsill li kienet sejra tpoġġi u fil-fatt poġġiet barriers quddiem il-ħanut "The Podium" dan ma jfissirx li hija fil-kompetenza jew l-awtorita tal-Kunsill li jaqla' dawn il-barriers. Is-Sindku qalet ukoll illi Dr. Sladden kien sejjer jikteb it-Trasport Malta sabiex jinfurmahom bl-ilment tal-Kunsill, dwar kif Trasport Malta naqset li tinforma l-Kunsill qabel tpoġġew dawn il-barriers u għal futur jiġi assigurat li ma jkunx hemm lok ta' ilmenti simili u li tiġi rispettata l-awtorita tal-Kunsill fil-konfini ta' Santa Venera. Is-Sindku qalet ukoll illi fuq parir ta' Dr Sladden il-Kunsill għandu jerġa' jpoġġi dawn il-barriers kif oriġinalment tpoġġew mit-Trasport Malta. Is-Sur Sultana qal li ma jaqbilx, għaliex dawn il-barriers huma 'eye sore' u aktar kien hemm bżonn ta' 'crash barriers' milli dawk il-barriers kif tpoġġew mit-Trasport Malta.

**3.3** Minuta 4.3: Is-Sindku nfurmat li attendiet għal din il-laqgħa dwar Skema ta' Finanzjament għall-Lokalitajiet Sostenibbli. Il-Kunsill gie nfurmat illi mhux sejjer joħrog flus. Din l-iskema tinqasam f'erba fażijiet u dettalji dwar dan jingħataw matul it-twettieq u esekuzjoni ta' din l-iskema.

**3.4** Minuta 8.2: (1) Is-Sindku nfurmat lil Kunsill illi l-preparazjonijiet dwar il-laqgħa mal-Pulizija, l-Kappillan u l-Għaqdiet għadhom sejrin u jidher li din il-laqgħa tkun tista ssir fl-ewwel gimgħa ta' Lulju 2010.

**3.5** Minuta 8.2: (2) Is-Sindku nfurmat lil Kunsill illi l-Kunsill kien kiseb tlett (3) Quotations dwar festin Annwali għall 200 persuna għal zmien il-Festa ta' Santa Venera. Dawn huma l-Quotations: Dolceria Italfonte €1562.66; Busy Bee €968.19; Papillon €815.68. Il-Kunsill qabel li dan il-festin isir nhar l-Erbgħa 21 ta' Lulju 2010 u li tingħażel l-offerta ta' Papillon għas-somma ta' €815.68.

**3.6** Minuta 9.1: Fuq mistoqsija tas-Sur Sultana dwar x'sar dwar dan l-ilment, is-Sindku wieġbet li kien hemm korrispondenza dwaru. F'dan l-istadju saret diskusjoni u l-Kunsill qabel li l-kumpanija tal-Wardens għandha tieħu l-ordnijiet biss mingħand is-Sindku u s-Segretajru Eżekuttiv iżda qatt m' għandha tieħu ordni mingħand Kunsillier għaliex dan jista joħloq disgwid u b'hekk l-infurzar

tal-liġi ma jkunx dak kif mixtieq. Il-Kunsill qabel li jikteb lil Kumpanija tal-Wardens li Wardens bin-numru 418 u 562 ma joperawx fil-konfini ta' Santa Venera.

**4.0 Korrispondenza**

**4.1** Il-Kunsill ittratta din il-korrispondenza:

**4.2** Bieb Fleur-De-Lys: Saret referenza għal dak li kien oriġinarjament maqbul li l-Bank of Valletta jalloka flus sabiex jinbena dan il-bieb storiku u dwar kif il-MEPA ma ħargitx permess dwar dan. Il-Kunsill iddiskuta li fil-preżent hemm ħtieġa kbira u jsir xogħol ta' restawar fi Ġnien Romeo Romano u għalhekk l-Lm50,000 (€116,500) li kemm qed iservi bħala bond jew aħjar bħala Corporate Social Responsability) (CSR) mill-Bank of Valletta (dwar meta inbena l-Head Office ta' l-istess bank ġewwa Santa Venera) jingħataw lil Kunsill Lokali Santa Venera u li jkun parti minn stima ta' xogħolijiet li gew stmati li jilħqu €400,000 indikat mill-Perit Schinas. Il-Kunsill qabel li jittieħdu dawk il-passi possibli sabiex dawn il-fondi ta' Lm 50,000 (€116,500) ikunu għad-disposizzjoni għax kienet Santa Venera biss li sofriet waqt il-kostruzjoni tal-bini bħala Head Office tal-Bank of Valletta.

**4.3** Żvilupp ta' Bini fejn qabel kienet il-fabbrika ta' Portanier (7 UP) ġewwa Santa Venera MEPA permit 7305/07. Il-Kunsill gie nfurmat illi salv għal xi ftit amendi żgħar il-MEPA qiegħda fi stadju li toħroġ permess għal madwar 180 appartament u 200 garaxxijiet. Il-Kunsill filwaqt li nforma lil MEPA sabiex jibqa' nfurmat dwar il-progress ta' dan l-iżvilupp ikkonsidra ukoll li peress li dan l-iżvilupp sejjer jikkawża ħafna probelmi ambjentali speċjalment waqt it-twaqqieħ u kostruzzjoni u anke wara u peress li wieħed jista' jobsor li l-Kunsill ikollu wkoll iħallas għal spejjeż sabiex iħares l-interessi tar-residenti, kemm is-sidien (Portanier Brothers) kif ukoll l-iżviluppaturi jiftiehem mal-Kunsill Santa Venera dwar għotja konsiderevoli sabiex tagħmel tajjeb għat-tiswija tal-ħsara ambjentali li tkun kaġunata. Il-Kunsill qabel li jkompli jistħarreġ dwar dan sabiex fit-talba tiegħu ikun konformi mal-liġijiet u proċeduri dwar il-Kunsilli Lokali.

**4.4** Ftehim mal-Water Services Corporation (WSC): Is-Sindku tgħat tagħrif dwar l-iffirmar ta'dan il-ftehim ma' l-Assocjazjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) u dwar kif sissa ssolvew il-pendenzi li l-Kunsilli kellhom mal-WSC dwar il-pagamenti dovuti lill-Kunsilli mill-WSC. Il-Kunsill qabel ukoll illi, jekk ikun il-każ, is-Sindku tiffirma ukoll dan il-ftehim kif ikun meħtieġ.

**4.5** Approvazzjoni ta' Sinjal ta' Keep Clear (1.5 m) fi Triq il-Parilja Santa Venera. Il-Kunsill ġie nfurmat li fuq talba tal-Kunsill it-TM approvat dan is-sinjal ta' KEEP CLEAR. Il-Kunsill qabel li jinkludi dan ix-xogħol fil-works program tal-Kunsill.

**4.6** Ilment dwar Reserved Parking: Il-Kunsill ġie nfurmat dwar l-ilment tas-sur Charlo Gerada dwar l-inkonvejent li qed joħloq 'Loading /Unloading Bay ' fil-viċinanza tar-residennza tiegħu. Il-Kunsill qabel li jinforma lis-Sur Gerada li dan is-sinjal kien kompletament taħt il-kompetenza ta' TM u l-Kunsill ma daħalx f'din il-materja. Il-Kunsill qabel ukoll illi tingħata kopja tat-TM lis-sur Gerada u tingħata wkoll kopja lit-TM dwar l-ilment tas-Sur Gerada.

**5.0 Skeda ta' pagmenti (Approvazzjoni)**

**5.1** L-iskeda għal cheque payments (16ta' Ġunju – 30ta' Ġunju 2010) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata barra dawn il-pagamenti sakemm il-pendenzi preżenti jiġu riżolti.

| CHQ | PV | AMOUNT |
|---|---|---|
| 4600 | 240 | €787.56 |
| 4601 | 241 | €477.90 |
| 4611 | 251 | € 41.30 |

| | | |
|---|---|---|
| 4612 | 252 | € 41.30 |
| 4613 | 253 | €505.04 |
| 4614 | 254 | € 41.30 |
| 4615 | 255 | € 41.30 |

**5.2** Xogħol u pendenza dwar l-Akwidott: F'dan l-istadju s-Sindku qalet li hija giet infurmata mill-Avukat Richard Sladden li kontrarju għak dak kif oriġinalment mitlub l-imgħaxijiet mhux sejrin jintalbu mingħand il-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill għandu jħallas biss il-ħlas ta' l-ittra uffiċjali.

**6.0 Ilmenti**

**6.1** Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:

**6.1.1** (297): Il-Kunsill innota li dan ix-xogħol diġa' sar.
**6.1.2** (298): Il-Kunsill innota li din is-siġra tinsab fuq proprjeta' privata.
**6.1.3** (299): Il-Kunsill qabel li tintbagħat l-ittra.
**6.1.4** (300): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
**6.1.5** (301): Il-Kunsill qabel li għalissa jħalli dan l-ilment pendenti.
**6.1.6** (302): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Central Asphalt Ltd.
**6.1.7** (303): Il-Kunsill qabel li jitratta dan l-ilment permezz tal-ħaddiema assenjati.
**6.1.8** (304): Il-Kunsill qabel li għalissa jħalli dan l-ilment pendenti.
**6.1.9** (305): Il-Kunsill ma qabilx għax dak mitlub ma jistax isir.
**6.1.10** (306): Il-Kunsill qabel li għalissa jħalli dan l-ilment pendenti.
**6.1.11** (307): Il-Kunsill innota li dan huwa każ ta' infurzar.
**6.1.12** (308): Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lit-TM.
**6.1.13** (309): Il-Kunsill ma qabilx li jsir għalissa.
**6.1.14** (310): Il-Kunsill qabel li jinforma lit-TM.
**6.1.15** (311): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
**6.1.16** (312): Il-Kunsill innota li dawn tneħħew.
**6.1.17** (313): Il-Kunsill qabel li tintbagħat l-ittra.
**6.1.18** (314): Il-Kunsill qabel li jinforma lit-TM.
**6.1.19** (315): Il-Kunsill innota li din in-naħa tinsab barra mill-konfini tal-Kunsill.
**6.1.20** (316): Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lit-TM.
**6.1.21** (317): Il-Kunsill qabel li tinħareġ works order lil Central Asphalt Ltd.
**6.1.22** (318): Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lit-TM.
**6.1.23** (319): Il-Kunsill innota li l-barrier li kien hemm ġiet imsewwija u twaħħlet.
**6.1.24** (320): Il-Kunsill qabel li tinkiteb l-ittra.
**6.1.25** (321): Il-Kunsill qabel li għalissa jħalli dan l-ilment pendenti.
**6.1.26** (322): Il-Kunsill qabel li għalissa jħalli dan l-ilment pendenti.
**6.1.27** (323): Il-Kunsill qabel li għalissa jħalli dan l-ilment pendenti.
**6.1.28** (324): Il-Kunsill qabel li għalissa jħalli dan l-ilment pendenti.
**6.1.29** (325): Il-Kunsill qabel li jinforma lil Animal Welfare.

**7.0 Ordnijiet tal-Ġurnata:**

**7.1** Premju Lokalitajiet Indaf (Programm): I-Kunsill qabel li jsir programm dwar dan sabiex bil-parteċipazzjoni ta' kulħadd jiġi assigurat li Santa Venera tkun waħda mir-rebbieħa ta' dan il-premju.

**8.0 Aġġornament**

**8.1** Att ta' Vandaliżmu: Is-Sindku qalet li l-Ħadd 27 ta' Ġunju 2010 kien sar att vandalu fil-Ġnien Romeo Romano li kienet saret taf bih it-Tnejn 28 ta' Ġunju meta ġiet infurmata li sitt (6) ġuventur

ġew il-Kunsill u li xtaqu jkellmu s-Sindku dwar vandaliżmu li huma kienu wettqu. Is-Sindku qalet li hija marret il-Kunsill u ltaqat ma dawn is-sitt (6) ġuventur li huma 3 minn Santa Venera u 3 oħra mill-Ħamrun. Is-Sindku qalet li sejħet l-għajnuna tal-Pulizija iżda f'dan l-istadju l-Pulizija nfurmaw lis-Sindku li huma diġa' kellhom informazzjoni ta' dawn il-ġuventur għaliex dawn kienu nqabdu fil-fatt jagħmlu l-vandaliżmu. Dawn il-ġuventur xtaqu jagħmlu tajjeb għal ħsaret li għax fil-fatt huma stqarru li wettqu għat ta' bluha u ta' dan jiddispjaċihom. Il-Kunsill qabel li Din l-Art Ħelwa tagħmel rapport tal-ħsara kif ukoll toħroġ stima dwar ir-restawr. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Avukat tal-Kunsill jagħmel abbozz ta' ftehim li jiġi ffirmat kemm mill-ġuventur kif ukoll mill-ġenituri tagħhom peress li dawn il-ġuventur huma taħt l-eta' minorenni.

Dan il-ftehim ikun qed juri ammisjoni tal-ħtija u kif sejrin jagħmlu tajjeb għal ħsara. Il-ftehim irid ikun fih anke xogħol fil-Kommunita bħala reparazzjoni xierqa tal-ħsara fil-kommunita.

Il-ftehim qabel illi qabel ma jiġi ffirmat dan il-ftehim ma jsir ebda arranġament jew diskusjoni li tkun tista' twassal li twaqqaf il-proċeduri tal-Pulizija kontra dawn il-ġuventur.

**8.2** Tindif fi Ġnien Romeo Romano: Is-Sur Sultana qal li hemm bżonn li jsir tindif sewwa fi Ġnien Romeo Romano. Is-Sur Sultana talab li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Permanent Secretary tal-Mnistru ta' l-Edukazzjoni rigward il-"fence" fil-Ġnien fil-parti tal-Ministeru, għaliex dak il-preżenti jkerrah ferm l-ambjent ta' dan il-Ġnien Storiku.

**8.3** Bidla fil-firmatarji fil-kontijiet: Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li jidbel il-firem fuq il-mandat tal-Banek sabiex jikkanċella l-firma ta' l-eks Segretarju Eżekuttiv is-sur Jospeh L. Cassar ma dik ta' l-Aġent Segretarju is-Sur Joseph M. Formosa u malli jiġi maħtur is-Sur Lawrence Azzopardi dan ikun jista' jopera l-kontijiet tal-Kunsill Santa Venera mal-Banek rispettivi. Għalhekk il-Kunsill qabel li sakemm tkun hemm il-bidla l-firmatarji uffiċjali huma , is-Sinjura Elizabeth Vella Sindku u s-Sur Joseph M. Formosa Aġent Segretarju.

**8.4** Il-Laqgħa ntemmet fid-9.05 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Lulju 2010 fis-6.00 p.m. b'aġenda tkun kommunikata aktar tard.

Joseph M. Formosa
Aġent Segretarju

Elizabeth Vella
Sindku

Ikkonfermati _________________